**MISTOQSIJIET PARLAMENTARI MHUX IMWIEĠBA FL-14-IL LEĠIŻLATURA**

**3. L-ONOR. MICHAEL PICCININO jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid kemm kien hemm mistoqsijiet parlamentari fil-leġiżlatura li għaddiet (fl-14-il Leġiżlatura), bejn l-2022 u l-2026, li meta ntemmet l-istess leġiżlatura kienu għadhom ma ġewx imwieġba, jew kienu ġew imwieġba billi ntqal li "r-risposta tingħata f'seduta oħra" jew li "l-informazzjoni għadha tinġabar"? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm mistoqsijiet parlamentari li r-risposta tagħhom kienet "ir-risposta tingħata f'seduta oħra" jew "l-informazzjoni għadha tinġabar" minn kull Ministru?

01.07.2026

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fl-14-il Leġiżlatura, bejn l-2022 u l-2026, saru 36,054 mistoqsija parlamentari.

Minn dawn, kien hemm 468 mistoqsija parlamentari li qatt ma dehru fuq l-aġenda minħabba li l-Parlament kien xolja qabel waslet is-Seduta li fiha kellhom jidhru.

Kien hemm 1,238 mistoqsija parlamentari li ma ngħatawx tweġiba, maqsuma kif ġej:

| **Ministeru** | **Numru ta' mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba** |
|---|---|
| | |
| Uffiċċju tal-Prim Ministru | 88 |
| Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu | 126 |
| Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali | 96 |
| Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 110 |
| Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 62 |
| Ministeru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi | 31 |
| Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat | 10 |
| Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol | 58 |
| Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar | 71 |
| Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika | 44 |
| Ministeru għall-Finanzi | 50 |
| Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 96 |
| Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali | 15 |
| Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva | 124 |
| Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni | 83 |
| Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 174 |
| **Total** | **1,238** |

06.07.2026